3 ta' Ottubru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Vella et. *versus* Salvatore Sammut.

## Lokazzjoni d'Opera — Danni — Art. 1074, 1075 (1), u 1076 tal-Kodiċi Ċivili.

*Wieħed mill-obligi tal-kondottur fil-kuntratt ta' lokazzjoni d'opera huwa dak li jimpjega sewwa l-ħwejjeġ lilu somministrati mil-lokatur biex il-kondottur jagħmel l-opera, u li juża l-kura kollha meħtieġa u xierqa biex jikkonserva dawk il-ħwejjeġ. Il-kondottur huwa wkoll responsabili mhux biss għall-ħtija tiegħu, imma wkoll għan-nuqqas tal-ħaddiema; kif ukoll għandu jikkonserva u jieħu kura tal-ħaġa mogħtija lilu biex jaħdimha, b'dik il-ħrara li għandu jadopera missier tajjeb tal-familja.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn u li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, u wara li ppremettew illi huma inkarigaw lill-konvenut jidres bil-makna fl-għalqa tagħhom, u dana b'negliġenza

tiegħu ikkaġuna l-ħruq ta' 140 xibka tiben tal-qamħ u 90 xibka tiben tax-xgħir, u għamel ħsara fil-proprjetà tagħhom; talbu illi dina l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabili talħruq fil-proprjetà tagħhom, u hekk ta' kull ħsara emerġenti minn dan il-ħruq; u li tillikwida, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi, il-ħsara u telf ta' qliegħ li ħuma sofrew fil-proprjetà mobiljari u immobiljari bl-istess ħruq; u li tikkundanna lill-konvenut biex iħallas is-somma hekk likwidata lill-atturi. Bl-ispejjeż, u bl-imgħax skond il-liġi mid-data ta' l-interpellazzjoni ta' l-ewwel ta' Settembru 1949, u bl-ispejjeż ta' l-istess att;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi huwa jirrespingi d-domandi u l-fatti kontenuti fiċċitazzjoni, billi l-ħruq li sar fl-għalqa ta' l-atturi ma kienx kaġunat minnu, u għalhekk ma għandu jirrispondi għal ebda danni. Salvi eċċezzjonijiet oħra, jekk jagħti l-każ;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li għal ħabta ta' Lulju 1949, il-konvenut ftiehem ma' l-atturi biex imur ma' sieħbu, Cataldo Sammut, jidirsu l-qamħ u x-xgħir bil-makna tagħhom fl-għalqa ta' l-atturi, li qiegħda f'Bir-il-Kbir, fil-limiti tas-Siġġiewi. Il-ftehim kien li l-konvenut u sieħbu kellhom jidirsu l-qamħ u x-xgħir ta' l-atturi bla ebda kumpens, billi l-atturi awtorizzaw lill-konvenut u lil sieħbu biex fil-għalqa tagħhom, waqt li jkunu jidirsu dak il-qamħ u x-xgħir, jidirsu wkoll il-qamħ u x-xgħir ta' gabillotti oħra; anzi l-konvenut u sieħbu kellhom jiġbru minn għand dawn il-gabillotti 4s. kull wieħed bħala kumpens talli kienu qegħdin jidirsu l-prodotti tagħhom fuq imsemmijin fil-għalqa ta' l-atturi. Dan il-ftehim sar bejn l-atturi u l-konvenut. Kif jidher, għad li l-konvenut ma kienx sejjer jitħallas tax-xogħol tad-driż minn għand l-atturi, huwa għax-xogħol tiegħu lejhom kien qiegħed jirċievi kumpens. Il-konvenut u sieħbu daħħlu l-makna taddriż tagħhom u l-qamħ u x-xgħir tal-gabillotti l-oħra fil-għalqa ta' l-atturi, u bdew ix-xogħol. Gara li fl-14 ta' Lulju 1949, f'xi l-4 p.m., fil-għalqa ta' l-atturi, u waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol tad-driż, sar ħruq li bih inħarqu mhux biss xi qamħ u xgħir tal-gabillotti l-oħra li ssemmew, imma wkoll dawk ta'

l-atturi, li sofrew ħsara wkoll fil-bini tar-razzett tagħhom li qiegħed f'dik l-għalqa. L-atturi jattribwixxu l-ħruq fuq imsemmi għal ħtija jew negliġenza tal-konvenut; imma dan jissottometti li ma kellu ebda ħtija f'dak il-ħruq;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi jattribwixxu dik il-ħtija lill-konvenut minħabba li dan kien ipejjep fil-għalqa waqt ix-xogħol, anzi fil-post stess fejn beda l-ħruq. Il-konvenut jiċħad din iċ-ċirkustanza, billi xehed............... Dina ċ-ċirkustanza tinduċi preżunzjoni li n-nar seta' gie mqabbad, għad li involontarjament, minn xi att tal-konvenut; imma mhijiex għal hekk biss biżżejjed biex tixbet il-ħtija fuqu, fis-sens li ma jistax jingħad b'sikurezza li n-nar qabad minħabba t-tipjip tal-konvenut;

Illi però, il-konvenut jibqa' dejjem responsabili ta' dak li gara, jiġifieri tal-ħruq, anki jekk l-istess ħruq ma sarx b'konsegwenza diretta tat-tipjip tiegħu, imma b'kawża ta' xi ħaġa oħra dovuta għal negliġenza tiegħu, sakemm huwa ma jippruvax li l-ħruq sar b'xi kawża maġġuri jew b'każ fortuwitu. Issa, il-konvenut assuma l-obligu ma' l-atturi li jidrsilhom ix-xgħir u l-qamħ tagħhom, u għal dan ix-xogħol, f'lok ma jitħallas, jirċievi kumpens minn għandhom billi huma jippermettulu jidres fil-għalqa tagħhom ix-xgħir u l-qamħ ta' gabillotti oħra. B'dan il-mod kien hemm bejn l-atturi u l-konvenut kuntratt ta' lokazzjoni d'opera. Kif jgħallem Pothier (Della Locazione d'Opera, Sez. 2, para. 419), wieħed mill-oblígi tal-kondutur f'dan il-kuntratt huwa dak "di bene impiegare le cose somministrategli dal locatore per fare l'opera, e di usare tutta la cura conveniente per conservarle". U l-kondutur huwa responsabili mhux biss għal xi ħtija tiegħu, imma wkoll "delle mancanze degli operai" (ibid. para. 428); kif ukoll, għandu jikkonserva u jieħu ħsieb tal-ħaġa mogħtija lilu biex jaħdimha b'dik il-kura "che userebbe un vigilante padre di famiglia" (ibid. para. 429);

Minn dawn il-prinċipji toħroġ ir-responsabilità tal-konvenut. Dan jammetti li kien ipejjep waqt ix-xogħol, u li dak in-nhar li sar il-ħruq huwa pejjep (fol. 35); anzi għadda jpejjep minn ħdejn il-post fejn beda l-ħruq ftit tal-ħin qabel beda n-nar (Carmelo Bonello, fol. 29). Huwa kien juża jpejjep ħdejn il-makna tad-driż (depos. Giuseppe Vassallo, fol. 29);

u meta l-attur kien iwissih biex ma jpejjipx, huwa ma kienx jobdih (fol. 25). Ma jistax jingħad li l-konvenut, meta kien ipejjep u jħalli lil ħadd ieħor ipejjep fejn il-qamħ u x-xgħir, fl-eqqel tas-sajf, kien qiegħed juża l-kura u d-diliġenza ta' missier tajjeb ta' familja biex jikkonserva u jagħti lura fi stat tajjeb lill-atturi l-ħaġa minnhom lilu mogħtija skond l-obligu tiegħu. Fid-dikjarazzjoni tiegħu l-konvenut issottometta li l-atturi u oħrajn kienu jpejpu wkoll. Ma ġiex pruvat li l-atturi kienu jpejpu, anzi rriżulta li l-attur Giuseppe Vella żgur li ma kienx fil-post meta sar il-ħruq. Barra minn dan, anki jekk dawn kienu jpejpu, jew xi nies oħra kienu jpejpu, kien dmir tal-konvenut, li fuqu kienet qiegħda r-responsabilità kollha, li ma jħallihomx jagħmlu hekk. F'dan il-każ ma jistax il-konvenut igħid li huwa pejjep għax ħadd ieħor kien ipejjep ukoll, għaliex "adducere inconveniens non est solvere argumentum". Jirriżulta li l-attur Giuseppe Vella, qabel telaq mill-għalqa dak in-nhar li sar il-ħruq, avża lill-konvenut li kien sejjer jitlaq, u dan biex josservalu li kellu joqgħod aktar attent fix-xogħol billi kellu jkun waħdu (fol. 25). Il-konvenut xehed li n-nies kienu kontinwament ipejpu (fol. 35), però ma semmiex jekk huwa wissihomx biex ma jpejpux, kif kien fid-dmir li jagħmel; del resto, ma tantx seta' jwissihom, meta huwa stess, kif ammetta, kien dejjem ipejjep. Għalhekk ukoll, jekk il-ħruq ma sarx bil-fatt immedjat u dirett tal-konvenut, dan jibqa' responsabili bħala li kien negliġenti waqt ix-xogħol. sakemm ma jippruvax li l-ħruq sar b'xi kawża fortuwita;

Il-konvenut allega li l-ħruq "aktarx" sar indipendentement mill-volontà tiegħu (fol. 58), u semma li "aktarx kien xi spark tal-makna tad-driż li kkaġuna l-ħruq". Imma, appart li din hija biss semplici allegazzjoni, u allegazzjoni fondata fuq mera possibilità, il-konvenut ma ġieb ebda prova li dik il-makna xi darba sparkjat waqt ix-xogħol, jew dak in-nhar li sar il-ħruq. Anzi ġie pruvat minn Nicola Borg (fol. 68), xhud tal-konvenut, li dak in-nhar tal-ħruq, almenu, il-makna tad-driż ma sparkjatx. U l-konvenut sa ċertu pont irrikonoxxa r-responsabilità tiegħu, billi, kif xehed l-attur Giuseppe Vella (fol. 26), il-konvenut kien lest biex ma' sieħbu jagħti £60 lill-istess Vella, bħala nofs il-ħsara li dan kien sofra b'dak il-ħruq, imma ma ħallasx għaliex issuppona li

l-gabillotti l-oħra, li sofrew ħsara wkoll fil-qamħ u x-xgħir tagħhom bl-istess ħruq, iduru kontra tiegħu biex iħallashom ta' dik il-ħsara. Din iċ-ċirkustanza l-konvenut ma ċaħadhiex;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-konvenut, skond il-liġi, għandu jirrispondi għall-ħsara li bi ħtija tiegħu, jew bħala dak li ma wżax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, sofrew l-atturi (art. 1074, 1075 (1) Kodiċi Ċivili); u għalhekk huwa obligat għall-ħlas tal-ħsara li ġrat minħabba n-negliġenza tiegħu, għad li l-istess ħsara ma tidherx li saret minnu volontarjament (art. 1076 Kodiċi ċit.);

**Ikkunsidrat;**

Illi skond l-art. 1088 (1) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa responsabili lejn l-atturi għad-danni emerġenti u l-lukri ċessanti. Imma l-atturi qegħdin jillimitaw id-domanda tagħhom għall-ewwel xorta ta' danni. Il-perit legali illikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' £104. 8. 6, jew £69. 8. 6 danni fi prodotti, u £35 danni fil-beni. Dawn l-ammonti ġew mogħtija, ta' l-ewwel mill-espert Francis Cassar (fol. 24, 28), u l-ieħor mill-espert Carmelo Pace (fol. 28);

Illi l-konvenut issottometta li dina l-likwidazzjoni hija eżaġerata..............;

Illi b'konsiderazzjoni li l-istimi fuq imsemmijin saru minn persuni esperti u fiż-żmien meta ġrat il-ħsara, u li l-konvenut ma ġieb ebda prova biex jikkritika jew b'xi mod iwaqqa' dawk l-istimi, ma jidherx illi l-istess stimi ma għandhomx jiġu milqugħa bħala soddisfaċenti; u hekk il-ħsara li tagħha huwa responsabili l-konvenut quddiem l-atturi tibqa' likwidata fis-somma ta' £104. 8. 6, kif dettaljata fl-istimi fuq imsemmijin;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-perit legali, inkwantu kompatibili magħhom;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u hekk tiddikjara lill-konvenut responsabili tal-ħruq fuq imsemmi u tal-ħsara konsegwenzjali; tillikwida dik il-ħsara fis-somma komplessiva ta' £104. 8. 6; u tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma hekk likwidata lill-attur, bl-imgħax legali kif mitluba, u bl-ispejjeż.